MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 316/2009

**Mangion & Lightfoot Limited (C-22032)**
**vs**
**The Electronic Voucher Company Limited (C-30225)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tliet elef u erbatax-il ewro, u wiehed u hamsin ewro centezmu (€3014.51) rapprezentanti prezz ta' xoghlijiet varji ta' disinn ta' *art work* u ta' *banners*, kif ukoll ta' reklami, liema xoghol kien debitament ikkonsenjat u accettat.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra, mill-atti, li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u

lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Christian Grima fil-21 ta' Jannar, 2010 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------